Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Marzu 2024
(OR. en)

14716/1/23
REV 1

CO EUR-PREP 42
POLGEN 149
ECOFIN 1093
SOC 724
EMPL 514
COMPET 1039
MI 908
ENV 1189
IND 565

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Semestru Ewropew 2024<br>- Pjan direzzjonali aġġornat |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-pjan direzzjonali tas-Semestru Ewropew, kif imħejji mill-Presidenza b'konsultazzjoni mal-Presidenza li jmiss.

Il-Presidenza ħejjiet dan il-pjan direzzjonali biex tiddeskrivi l-passi ewlenin taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2024.

Il-pjan direzzjonali għandu l-għan li jiġi żgurat li l-konfigurazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill u l-korpi preparatorji tagħhom jaħdmu b'mod koordinat u konsistenti għal tħejjija fid-dettall tad-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar is-Semestru Ewropew u li l-Coreper u l-Kunsill Affarijiet Ġenerali jkunu jistgħu jissorveljaw il-proċess.

## L-EWWEL FAŻI

### Tħejjija għall-Kunsill Ewropew ta' Marzu

**9 ta' Ottubru 2023: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

– Sfidi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi: Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi abbażi tar-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi - *approvazzjoni*

– Sfidi soċjali ewlenin: Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali abbażi tar-Rieżami Annwali tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali – *approvazzjoni*

– Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri - *adozzjoni*

**15 ta' Ottubru 2023**

– Preżentazzjoni tal-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji mill-Istati Membri taż-żona tal-euro

**9 ta' Novembru 2023: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Semestru Ewropew: Tagħlimiet meħuda u t-triq 'il quddiem – *skambju ta' fehmiet*

**21 ta' Novembru 2023: Pakkett tal-Ħarifa tas-Semestru Ewropew tal-2024**

– Preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta':

  – L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024, ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2024, ir-rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi

  – Il-Kummissjoni u l-Opinjonijiet dwar l-Abbozz ta' Pjanijiet Baġitarji għall-Istati Membri taż-żona tal-euro

**28-27 ta' Novembru 2023: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

– Semestru Ewropew 2024 – *Dibattitu ta' orjentazzjoni*

  – Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024, Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

  – Messaġġi Ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika – *approvazzjoni*

– Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-valur miżjud tal-investiment soċjali u r-rwol tal-*filière* tal-Kunsill EPSCO fil-governanza tas-Semestru Ewropew – *approvazzjoni*

**Tmiem Novembru, nofs Diċembru 2023**

– Il-kumitati (Kumitat tal-Politika Ekonomika fil-format tal-Grupp tal-Euro, Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-Euro - Supplenti) iħejju l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, inkluż il-kontribut konġunt li jkopri l-aspetti soċjali u tal-impjiegi mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

**7 ta' Diċembru 2023: Grupp tal-Euro**

– Valutazzjoni tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u tas-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji taż-żona tal-euro – *dikjarazzjoni mill-Grupp tal-Euro*

– Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

**8 ta' Diċembru 2023: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Semestru Ewropew 2024 - Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024, Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2024 u Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet*

**12 ta' Diċembru 2023: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

– Pjan Direzzjonali għas-Semestru Ewropew 2024 - *preżentazzjoni mill-Presidenza u l-Presidenza li jmiss*

**15 ta' Jannar 2024: Grupp tal-Euro**

– Abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *diskussjoni*

**16 ta' Jannar 2024: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2024 - *approvazzjoni*

– Konklużjonijiet dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2024 - *approvazzjoni*

– Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *approvazzjoni*

**23 ta' Jannar 2024: Kunsill Agrikoltura u Sajd**

– Semestru Ewropew 2024 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro – *approvazzjoni tal-aspetti tal-impjiegi u dawk soċjali*

**12-13 ta' Frar 2024 - Parlament Ewropew: Ġimgħa Parlamentari tas-Semestru Ewropew tal-2024**

– Dibattitu bejn il-membri tal-kumitati rilevanti mill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali

**11 ta' Marzu 2024: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (Politika Soċjali)**

– Semestru Ewropew 2024 – L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2024 u l-aġenda soċjali futura – *dibattitu ta' orjentazzjoni*

– Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2024 – *adozzjoni*

– Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali tal-2024 dwar it-Tkabbir Sostenibbli u Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi – *approvazzjoni*

– Messaġġi Ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjiegi – it-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ – *approvazzjoni*

**13 ta' Marzu 2024: Sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew**

– Dibattitu konġunt dwar is-Semestru Ewropew

**19 ta' Marzu 2024: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

– Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu:

  – Rapport ta' sinteżi dwar il-kontributi tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2024: *skambju ta' fehmiet*

  – Pjan direzzjonali aġġornat tas-Semestru Ewropew 2024 - *preżentazzjoni mill-Presidenza*

  – Rakkomandazzjoni 2024 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *trażmissjoni lill-Kunsill Ewropew*

**21-22 ta' Marzu 2024: Kunsill Ewropew**

– Skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni ekonomika u tal-impjiegi tal-Istati Membri

– Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro – *approvazzjoni*

**IT-TIENI FAŻI**[1]

**Tħejjija għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju**

**12 ta' April 2024: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *adozzjoni*

**Qabel it-30 ta' April 2024**

– Dokument ta' Ħidma tal-Persunal f'konformità mal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali għall-Istati Membri identifikati fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi li qed jiffaċċaw riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq - *pubblikazzjoni mill-Kummissjoni*

**Qabel it-30 ta' April 2024**

– Skadenza għall-Istati Membri biex jippreżentaw il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma u l-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom tal-2024[2]

– Il-Kummissjoni tippreżenta l-analiżijiet fil-fond skont il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi

1 Il-passi tat-tieni fażi huma parzjalment soġġetti għad-data tad-dħul fis-seħħ tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika u d-data tal-pubblikazzjoni tal-pakkett tar-Rebbiegħa mill-Kummissjoni.

2 Pendenti sakemm jidħol fis-seħħ il-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika

**Nofs Ġunju 2024: Il-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew**

– Preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta':

  – Rakkomandazzjonijiet għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill (rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi); rapporti tal-pajjiżi

  – (poss.) Implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

  – Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

**Nofs Ġunju 2024**

– Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (Supplenti), il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jibdew il-ħidma preparatorja fuq ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2024 u fuq nota orizzontali[3]

**20 ta' Ġunju 2024: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

– Semestru Ewropew 2024: Pakkett tar-Rebbiegħa – *preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

– Semestru Ewropew 2024: nota orizzontali[4] dwar aspetti tal-politika tal-impjiegi u soċjali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż – *dibattitu ta' orjentazzjoni*

– (poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali – *approvazzjoni*

– Messaġġi Ewlenin mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar ir-Rapport dwar l-adegwatezza tal-pensjonijiet 2024 - *approvazzjoni*

---

[3] Pendenti sakemm tkun magħrufa d-data ta' pubblikazzjoni tal-pakkett tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni.

[4] Pendenti sakemm tkun magħrufa d-data ta' pubblikazzjoni tal-pakkett tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni.

**21 ta' Ġunju 2024: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Semestru Ewropew 2024: nota orizzontali[5] - *approvazzjoni*

**25 ta' Ġunju 2024: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

– Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju

  – Semestru Ewropew 2024: nota orizzontali – *approvazzjoni u trażmissjoni lill-Kunsill Ewropew*

**27-28 ta' Ġunju 2024: Kunsill Ewropew**

– Konklużjonijiet

  – Semestru Ewropew 2024: nota orizzontali[6] - *diskussjoni ta' konklużjoni*

**Bidu ta' Lulju 2024**

– Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju - Supplenti, il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jiffinalizzaw il-ħidma fuq ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2024

**16 ta' Lulju 2024: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

– Kontribut dwar l-aspetti tal-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi[7] - *approvazzjoni*

– Valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2024 u tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2023: Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali — *approvazzjoni*

---

[5] Pendenti sakemm tkun magħrufa d-data ta' pubblikazzjoni tal-pakkett tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni.

[6] Pendenti sakemm tkun magħrufa d-data ta' pubblikazzjoni tal-pakkett tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni.

[7] Pendenti sakemm tkun magħrufa d-data ta' pubblikazzjoni tal-pakkett tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni.

**16 ta' Lulju 2024: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Semestru Ewropew 2024: rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi[8] - *approvazzjoni*

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2024 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku – *approvazzjoni*

– (poss.) Implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir: Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv - *adozzjoni*

**Tmiem Lulju 2024**

– Semestru Ewropew 2024: Rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi[9] – *adozzjoni*

---

8 Pendenti sakemm tkun magħrufa d-data ta' pubblikazzjoni tal-pakkett tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni.

9 Pendenti sakemm tkun magħrufa d-data ta' pubblikazzjoni tal-pakkett tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni.